# GHALIEX L-IKLIEB JOBOGHDU 'L QTATES

Il-kelb u l-qattus, huma l-aktar żewġ bhejjem li nafuhom, għax dejjem fid-dar ma' saqajna. Dawn iż-żewġ bhejjem, issa huma egħdewwa l-wieħed tal-ieħor, imma fl-antik ntt ma kienux hekk. Fiż-żmien imgħoddi, ħadd ma jaf meta, kienu ta' ġewwa u ħbieb. Nibtet bejniethom il-mibegħda, kif jgħidu l-Fellaħîn tal-Palestina, għal din il-ġrajja li sa ngħidu hawnekk.

Fil-bidu tad-dinja, kull bhima kellha xogħol x'tagħmel, min hekk, u min hekk; kull ħadd kif kellu l-ħila. Imma lil kelb u lil qattus ma kienx mogħti xogħol x'jagħmlu. Il-kelb tħalla biex ikun mera tal-imħabba lejn sidu, u l-qattus biex ikun mera tal-indafa. U din it-tbarrija mix-xogħol ma ngħatatx lil kelb u lil qattus bil-kliem biss, imma bil-kitba wkoll, maħtuma bil-ħâtem u marbuta b'qafla tal-ħarir. U din il-kitba mhimma, tħalliet għand il-kelb, biex jieħu ħsiebha. U l-kelb kellu ħofra fl-art, fejn jaħbi l-għadam, u din il-karta refagħha fiha.

Il-bhejjem l-oħra bdew jgħiru għal kelb u għal qattus, jarawhom dejjem ħienja u mistrieħa, jilgħabu, waqt li huma jaħdmu bla ħniena. Għal hekk bdew jaħsbu u jiftiehmu kif jagħmlu biex jeqerdulhom dan il-jedd.

Darba, żiemel, ħmar u barri, li kienu f'maqjel wieħed raw dieħel ħdejhom ġurdien, u daħrilhom li dik kienet id-daqqa biex jitħallsu mill-kelb u l-qattus tal-għażż tagħhom. Għal hekk għajjtu lil ġurdien u qalulu li huma kienu jħallsuh tajjeb jekk ried iħaffer fejn il-kelb kellu l-karta tat-tbarrija, u jsibha u jqattagħhielu, u jxerred il-frak tagħha mal-erbat irjieħ.

Hekk għamel il-ġurdien, u ma damx ifittex wisq għax malajr intebaħ fejn kienet il-moħba mir-riħa tal-għadam. Ħaffer, sab il-karta, ġarrha fil-bgħid, qattagħha ntietef żgħar u tajjarha mar-riħ, u xeħet il-bqija fix-xmara biex tmur mal-ilma.

Imbagħad iż-żiemel u l-ħmar u l-barri, marru għand sultan il-bhejjem u qalulu li l-kelb u l-qattus kienu dejjem battâla. Sultan il-bhejjem talab li jara d-dokument, imma meta l-kelb mar iġibu, isib li kien baħħ! Għal hekk is-sultan amar li l-kelb ikun marbut u lejl u nhar, jagħmel il-għassa, u lil qattus ma baqax x'ma qallux u x'ma għajjrux għan-nuqqas tal-ħila tiegħu.

Hekk sar li l-kelb jobgħod lil qattus, u li l-kelb u l-qattus, it-tnejn joboghdu 'l ġrieden. Imma ż-żiemel u l-ħmar u l-barri, lil ġrieden iħobbuhom u jħalluhom jieklu l-ġwież magħhom mill-maxtura.

# QWIEL TAL-PALESTINA

*Ħaseb in-nâs, il-libâs.* Jiġifieri, kif ngħidu llum: "Skond in-nies ħwejjiġhom". "Il-lbies jagħmel in-nies". Li *l-lbies jagħmel in-nies,* hi ħaġa minnha, imma li *skond in-nies ħwejjiġhom,* m'hux dejjem minnu. Hawn min għandu l-eluf, u għax ikun xħiħ, libsa ma jneħħihiex minn fuqu, sajf u xitwa, qabel ma titfa u titmermer. Jista' jkun li int li taqra taf lil xi ħadd li jagħmel hekk, bħal ma naf jien.